# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 11**

**Rikors Numru 582/2022**

**Dr. David Gatt**
**vs**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**U**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dr. David Gatt (l-Attur) tal-1 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi f` Jannar tas-sena 1989 l-esponenti gie ammess fil-korp tal-Pulizija grad ta` Kuntistabbli;

2. Illi f` Dicembru tas-sena 1993, l-esponenti ingħata promozzjoni għall-grad ta` Spettur u gie stazzjonat fl-Għassa tal-Belt;

3. Illi fis-sena 1995, l-esponenti gie stazzjonat fl-Għassa ta` haż-żebbug u sussegwentament fl-1996 huwa gie stazzjonat fl-Għassa tar-rabat u l-Hamrun, fejn huwa baqa ` jaqdi dmiru sat 3 ta` Mejju, 2001;

4. Illi fit- 3 ta` Mejju 2001, l-epsonenti ircieva ittra mingħand il-Kumissarju tal-Pulizija ta` dak iż-żmien, is-Sur George Grech, fejn fiha huwa infurmah li l-Kummissarju għas-Servizz Pubbliku kienet approvat li huwa jitneħħa mill-Korp tal-Puluzija ai termini tal-Artikoli 11 (iii) u 28 tal-Ordinanza tal-Puluzija (1961) b` effett min dakinhar stess (DOK A) ;

5. Illi fl-istess ittra, huwa gie infurmat illi kien qed jingħata pensjoni tat-Teżor skond l-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 33 tal-Ordinanza furq riferita;

6. Illi l-pensjoni li għaliha saret referenza inħadmet fuq tnax il sena u nofs servizz u tammonta għas-somma ta` Euro 436.26;

7. Illi l-esponenti preżenta kawża sabiex jimpunja l-validata` tat-tneħħija tiegħu mil-Korp tal-Puluzija, fil-forma ta` stharrig gudizzjajru skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

8. Illi b` sentenza finali tas- 6 ta` Settembru,2010, fil-kawża fl-ismijiet David Gatt vs Prim Ministru Hon Edward Fenech Adami u l-Kummissajru tal-Puluzija, il-Qorti tal-Appell ( Superjuri) preseduta mill-Onor. Imħallef Dr Vincent Degatano caħdet l-appell tal-intimati f` din l-kawża, u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza datata s-27 t` April, 2009 billi iddikjarat null, invalidu u mingħajr effett l-għemil tal-Prim Ministru u l-Kummissarju ta` dak iż-żmien meta huma neħħew lill-esponenti minn membru tal-Korp tal-Puluzija u ordatilhom jergħu ipogguħ fil-pożiżzjoni li kien qabel it-3 ta` Mejju 2001 u għalhekk fl-istess grad fil-korp li kellu qabel dakinhar. Il-Qorti iddijarat ukoll lill-konvenuti responsabblli għad-danni jekk huwa sofra tali danni (Dok B,C);

9. Illi fl-15 t` Ottubru,2010, u cioe` xaħar u gimgħa wara dina s-sentenza, l-esponenti ircieva ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru iffirmata minn Dr. Godwin Grima fil-vesti tiegħu ta` Segretarju Permanenti Ewlieni ta` dak iż-żmien (DOK D), fejn huwa gie infurmat testalment illi:

   “ F`dan id-dawl, il-kap tad-Dipartiment ikkoncernat, ossija l-Kummissajru tal-Pulizija, iħoss li ma kienx hemm triq oħra għajr illi tigi ezegwita s-sentenza fis-sens li l-arlogg jitregga lura għall-pozizzjoni li li kienet fit-3 ta` Mejju,2001, **<u>f` liema pozizzjoni int attwalment tinsab</u>**, għaldaqstant abbażi tad-dokumentazzjoni annessa , huwa jħoss li għandu jigi deciż li huwa fl-interess pubbliku li inti tigi kkunsidrat irtirat mill-Korp, il-bażi ta` dina t-talba hija d-dokumentazzjoni annessa.”

10. Illli f ` din l-ittra s-Segretarju Permanenti Ewlieni ta` dak iż-żmien jirrikonoxxi li fil-15 t` Ottubru,2010 l-epsonenti kien għadu impjegat mal-

Korp tal-Puluzija fil-grad ta` Spettur, bid-differenza li huwa kien ilu ma jitħallas is-salarju tiegħu sa mit -3 ta `Mejju 2001;

11. Illi sussegwentament f-1 ta` Novembru,2010, l-esponenti talab lil Prim ` Awla tal-Qorti Civili tinibixxi lill-intimati mill jitterminaw l-impjieg tiegħu minn mal-korp b` dan il-mod, liema talba intlaqgħet b` mod definittiv b` digriet tal-Qorti data is-17 ta` Novembru, 2010;

12. Illi fis-6 ta` Dicembru 2010 l-esponenti preżenta kawża fil-forma ta` stħarrig gudizzjarju kontra il-Prim Ministru ta` dak iż-żmien Dr. Lawrence Gonzi, il-Kumissarju tal-Puluzija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Ufficju tal-Prim Ministru, fejn huwa talab lill-Qorti:

a. Ssib li huwa garrab ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu u li d-deciżjoni meħuda mill-imħarrkin li jitolbu li jerggħu jittieħdu kontriħ proceduri dixxiplinari quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija att amministrativ li jmur kontra l-principji ta` dritt naturali bi ksur tal-artikolu 469A (1)(a) u l-artikolu 469A (1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

b. Issib li ma tiswiex fil-ligi l-ittra mibgħuta lilu mill-imħarrkin fil-15 ta` Ottubru,2010 li għarrfitu bit-teħid tal-imsemmija procedure dixxplinari fil-konfront tiegħu;

c. Tordna li jibqgħu fis-seħħ "b `mod definit" l-effetti tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Rik.1680/10 maħrug fis-17 ta` Novembru, 2010; u

d. `ssib li huwa intitolat li jithallas kumpens, **<u>filwaqt li zamm sħiħ kull jedd ta` azzjoni għad-dann</u>**i. Talab ukoll l-ispejjez u l-imgħax legali.

13. Illi l-Qorti tal-Ewwel Istanza ċaħdet it-talbiet tal-esponenti b` sentenza tal-20 t`Ottubru,2016 li giet sussegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil fl-4 ta` Mejju,2022;

14. Illi mas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell inhallu wkoll l-effetti tal-mandat ta` inibizzjoni preżentat mill-esponenti u għaldaqstant il-proċess mibdi fil-15 t` Ottubru,2010 fejn il-Kummissajru talab l-irtirar furzat tal-esponenti mill-Korp tal-Puluzija setgħa jkompli mingħajr ebda xkiel;

15. Illi sal-lum, l-esponenti għadu, ma rċieva l-ebda notifika jew informazzjoni dwar dan il-proċess pendent;

16. Illi jsegwi wkoll, illi gialdarba dan il-proċess għadu mhux konkluż, l-esponenti għadu fl-istess pozizzjoni li kien fiha fit-3 ta` Mejju,2001 u ċioe` għadu membru tal-Korp tal-Puluzija fil-grad ta` Spettur;

17. Illi l-esponenti ilu ma jirċievi s-salarju tiegħu ta` Spettur sa mit 3 ta` Mejju, 2001;

18. Illi huwa fatt stabbillit gudizzjajament illi l-Kumissarju intimat u membri oħra tal-Gvern (ta` dak iż-zmien), li jirraprezenta l-Istat Malti, instabu ħatja li bl-azzjonijiet tagħhom huma kkaguna lil esponenti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protteti kemm mill-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea, għad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

19. Illi sfortuntament, din il-lezjoni ta`dritt fil-konfront tal-esponenti baqgħet tipperesisti u hu għadu qed isofri danni konsiderovoli sal-lum, u dan minkejja l-fatt li huwa għamel dak kollu possibli biex din al-kwistjoni tigi rizolta, kif del resto l-Istat għamel ma numru ta` individwi oħra li fl-istess perjodu gew assoggettati għall-istess trattament;

20. Illi l-Kummissarju intimat u l-Istat huma tenuti jwiegbu għad-danni li gew kkagunati u li għadhom qed jigu kkagunati lill-esponenti;

21. Illi l-Kumissarju intimat u l-istat gew interpellati sabiex jersqu għal likwidazzjoni u ħlas ta danni kkagunati lill-esponenti permezz ta` ittra uffiċjali preżentata fis-17 ta `Mejju, 2022, notifkata kemm lill-Kummissarju kif ukoll lill-Avukat tal-istat, iżda naqsu mill jwiegbu;

22. Illi għaldaqtsant qegħdha ssir dina il-kawża.

**Għaldaqstant għar-ragunijiet premessi jgħidu il-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m`għandiex:**

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew minnhom, bl-azzjonijet tagħhom, ikkagunaw danni konsidervoli lill-esponenti;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-hlas tad-danni kkagunati minnhom jew min minnhom lil-esponenti;

3. Tillikwida bl-opra ta` perit nominandi somma rapprezentanti d-danni sofferti mil-esponenti;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom ihallsu lill-attur s-somma hekk liwkidata.

   Bl-ispejjez, inklużi dawk ta` ittra uffiċjali datata s-17 ta` Mejju,2022 (ittra numru:2037/2022) u bl-imgħax legali kontra l-konventi li minn issa huma ngunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat (il-konvenuti) tat-23 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi *in primis* l-esponent Avukat tal-Istat jispjega illi huwa jassisti lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija bhala Avukat tal-fiducja tiegħu u m'għandu ebda konnoxxenza personali tal-fatti;

2. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva s-segwenti fatti kif magħrufin lilu:

L-attur daħal fil-Korp fl-24 ta' Jannar 1989 u laħaq Spettur fid-29 ta' Novembru 1993.

Illi fix-xahar ta' Frar 2001 waqt investigazzjoni li kienet għaddejja b' rabta ma' *hold-up* li kien sar fuq uffiċċjali tas-sigurta' tal-Group 4, f' Ottubru tas-sena 2000, l-isem tal-Ispettur David Gatt kien issemma wara li ġew inttraċati xi telefonati bejn l-Ispettur u xi persuni notorji, magħrufin sew mal-Pulizija.

Illi in vista ta' din l-investigazzjoni, nhar il-5 ta' Marzu 2001, il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, is-sur George Grech, permezz ta' ittra lill-Prim Ministru u lill-Ministru tal-Intern, talab sabiex l-Ispettur David Gatt, flimkien ma' żewġ uffiċjali oħra, ma jibqgħux iservu bħala membri tal-Korp għax dan ma kienx għadu fl-interess pubbliku;

B'ittra datata 13 ta' Marzu 2001, is-Segretarju Permanenti Ewlieni, kien għarraf lis-Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-Prim Ministru kien approva biex l-Ispettur David Gatt, flimkien ma' uffiċjal ieħor, jiġu mneħħija mill-Korp, għall-interess pubbliku. Kien ġie approvat ukoll li l-Ispettur Gatt, li kellu aktar minn għaxar snin servizz **kellu jieħu pensjoni ai termini tal-artikolu 33 tal-Ordinanza tal-Pulizija** (***liema pensjoni għadu jiħodha sal-ġurnata tal-lum).***

Fit-2 ta' Mejju 2001, is-Segretarju Permanenti Ewlieni, bagħat jgħarraf lill-Kummissarju li l-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, approva sabiex ai termini tal-artikoli 11(iii) u 28, tal-Ordinanza tal-Pulizija (1961), l-attur u uffiċjal ieħor, jiġu mneħħija mis-servizz pubbliku. Fil-waqt li l-attur flimkien ma' Spettur ieħor li kien investigat fuq reati separati, kellhom jingħataw pensjoni tat-teżor ai termini tal-artikolu 33 tal-imsemmija Ordinanza.

Fit-3 ta' Mejju 2001, il-Kummissarju bagħat jinforma lill-attur bid-deċiżjoni tal-Prim Ministru li b'effett mit-3 ta' Mejju 2001 stess, huwa kien ser jiġi

mneħħi mis-servizz pubbliku u kien ser jirċievi pensjoni. L-għada, 4 ta' Mejju 2001, Gatt kien daħħal protest ġudizzjarju fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili rigward it-tkeċċija tiegħu. In segwitu ta' dan il-protest, l-attur kien fetaħ kawża għal stħarriġ ġudizzjarju, liema kawża ġiet intavolata nhar id-19 ta' Settembru 2001 (REF:1548/01 JRM). F'din il-kawza l-attur ilmenta li l-proċedura għat-tneħħija mis-servizz pubbliku, kif jitlob ir-regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999 (ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Proċeduri ta' Dixxiplina) ma gietx segwita.

Illi din il-kawża, *in parte*, ġiet deċiża mill-ewwel Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2004. Rigward l-eċċezzjonijiet preliminari l-Qorti qalet li kellha dritt tissendika egħmil amministrattiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għaldaqstant, il-Qorti kienet ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet u ordnat li l-kawża titkompla fuq il-mertu. Illi fuq il-mertu, il-kawża ġiet deċiża fis-27 t' April 2009. F'din is-sentenza, il-Qorti ordnat li l-Ispettur David Gatt, jerġa' jitpoġġa fis-sitwazzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001, fl-istess grad fil-Korp. Illi s-sentenza kienet ġiet appellata u fis-6 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Illi fis-7 ta' Settembru 2010, il-Kummissarju kiteb lill-Kap tas-Servizz Pubbliku Dr. Godwin Grima fejn infurmah, li in vista tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ordnat li David Gatt jerġa' jiddaħħal lura fil-Korp, fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001, u peress li l-imġiba tal-istess attur ma kienetx aċċettabli fil-Korp, il-pożizzjoni tal-attur ma kienetx għadha aktar tenibbli. Għaldaqstant, ġie rrakomandat sabiex l-istess Dr. Grima, ai termini tar-regolament 35(1)(a) tal- Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Proċeduri ta' Dixxiplina, jistħarreġ ir-rapporti li kien ħejja l-Kummissarju preċedemti s-sur George Grech datati 5 ta' Marzu 2001, sabiex jiskatta l-proċess ħalli l-attur ikun jista' jiġi mneħħi mis-servizz pubbliku skont il-proċedura msemmija f'regolament 35 tal-Avviż Legali 186/1999.

Illi fis-7 ta' Settembru 2010, l-Kummissarju kiteb ukoll lill-Prim Ministru sabiex ai termini tal-artikolu 86 tal-artikolu 86 tal-Kostituzzjoni, in vista tas-sentenza tal-appell, jirreferi lura lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ħalli tirrikonsidra r-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija mis-servizz pubbliku li kienet saret fl-2001. Fl-10 ta' Settembru 2010 l-Kummissarju reġa kiteb lill-Kap tas-Servizz Pubbliku u nfurmah li kien jikkonsidra li t-tliet uffiċjal li l-Qorti ordnat li kellhom jerġgħu jiddaħħlu lura fil-Korp, fosthom David Gatt, ma kellhomx jiddaħħlu minħabba l-impatt negattiv li kien ser jinħoloq fuq il-kontabilta' u fiduċja li l-pubbliku jistenna minn kull uffiċjal u għaldaqstant ikun fl-interess pubbliku li dawn l-uffiċjali jiġu rtirati. Fl-14 ta' Settembru 2010 l-Kummissarju kiteb ittra oħra lill-Kap tas-Servizz Pubbliku sabiex jiġġustifika għaliex l-attur kellu jitneħħa mis-servizz pubbliku, b' konsegwenza tal-investigazzjoni li kienet saret fl-2000/2001.

Illi fil-15 t'Ottubru 2010, il-Kap tas-Servizz Pubbliku bagħat jagħrraf lil Dr. David Gatt li abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-Kummissarju jħoss li fl-interess pubbliku huwa kellu jiġi kkunsidrat bħala rtirat mill-Korp. David Gatt kien ingħata 15–il jum tax-xogħol biex jagħti r-raġunijiet għaliex ma'

kellux jilqa' t-talba tal-Kap tad-Dipartiment. Illi nhar l-1 ta' Novembru 2010, Dr. Gatt kien talab għal mandat t' inibizzjoni li ġie milqugħ proviżorjament u fis-17 ta' Novembru 2010, il-Mandat ta' Inibizzjoni intlaqa *in toto.*

Fis-27 ta' Novembru 2010, Dr. Edward Gatt għan-nom ta' Dr. David Gatt, staqsa lill-Kummissarju sabiex jgħidlu meta l-klijent tiegħu kellu jirraporta għax-xogħol u sabiex iħallas kumpens dovut konsistenti f' telf ta' paga, *allowances*, leave mhux meħud, telf ta' xogħol fil-Ħdud u festi, u *bonuses*. B' risposta, il-Kummissarju bagħat jgħarraf lil Dr. Edward Gatt li wara li David Gatt kien ġie rtirat fl-interess pubbliku, il-pożizzjoni tal-Korp kienet li huwa ma jerġax jiddaħħal lura fil-Korp peress li kellu jiġi rtirat mill-ġdid fl-interess pubbliku mill-Korp, b' effett mit-3 ta' Mejju 2001. Infurmah ukoll li kienu nbdew proċeduri fil-konfront ta' David Gatt ai termini tar-regolament 35 tal-Avviż Legali 186/1999, liema proċeduri kienu sospiżi temporanjament kawża tal-Mandat t' Inibizzjoni li kien talab David Gatt stess. Għaldaqstant sakemm dawn il-proċeduri jiġu konklużi, it-talba ta' David Gatt ma setgħetx tintlaqa. Nhar is-6 ta' Diċembru 2010, Dr. David Gatt intavola rikors ġuramentat li ta bidu għall-kawża dwar stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 (kawża nru. 1262/2010).

Nhar id-29 ta' Settembru 2011, il-Qorti għaddiet għas-sentenza rigward l-eċċezzjonijiet preliminari u ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Illi l-kawza ġiet deċiża mill-ewwel qorti fl-20 t'Ottubru, 2016, liema kawża ġiet appellata. Nhar it-18 ta' Marzu 2017, Dr. Edward Gatt kiteb lill-Kummissarju fejn infurmah li l-klijent tiegħu sofra danni enormi stmati li jlahhqu €225,000. Huwa għamel referenza għal każ ta' Ivan Portelli li kien ingħata kumpens talli ġie rtirat mill-Korp. Nhar il-15 ta' Mejju 2017, Dr. Edward Gatt bagħat ittra uffiċjali lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jersaq għall-assunzjoni u likwdazzjoni tad-danni sofferiti minn David Gatt. Illi nhar l-24 ta' Marzu 2018, Dr. Edward Gatt reġa kiteb lill-Kummissarju u lill-Prim Ministru sabiex il-klijent tiegħu jingħata kumpens talli nġustament ġie mneħħi mill-Korp. Fid-29 t' Awwissu 2018, Dr. David Gatt, bagħat ittra uffiċjali oħra din id-darba kemm lill-Kummissajru kif ukoll lill-Prim Ministru sabiex jingħata kumpens xieraq.

Fil-15 ta' Frar 2021, Dr. David Gatt bagħat email lill-Kummissarju preżenti fejn infurmah li l-Kummissarju preċedenti, is-sur Lawrence Cutajar kien għarrfu li kien kiteb lis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex hu (David Gatt) jingħata kumpens jew jerġa' jiddaħħal fil-Korp. Illi fl-4 ta' Mejju 2022, l-appell tal-kawża nru. 1262/2010 ġie deċiż bil-konsegwenza li l-mandat t'inibizzjoni tas-17 ta' Novembru 2010, waqa'.

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

3. Illi in linea preliminari, l-intimat l-Avukat tal-Istat jecepixxi illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur għal pretensjonijiet vantati mill-attur. Kwindi bl-applikazzjoni tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent Avukat tal-Istat għandu jigi liberat minnufih mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jecepixxi illi t-talbiet elenkati fir-rikors guramentat in risposta huma *res judicata stante* illi huma talbiet għal likwidazzjoni u dikjarazzjoni ta' danni liema talbiet gew decizi permezz tas-Sentenza finali tal-4 ta' Mejju 2022 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet "***David Gatt v. Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru***" (rikors numru: 1262/10/1 JRM). Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tipprocedi sabiex tisma' l-kawza odjerna u *stante* illi t-talbiet odjerni huma ***Res Judicata***;

5. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jecepixxi illi t-talba għal danni hija perenta biz-zmien sentejn (2) ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta u kwindi għandha tigi ddikjarata bhali tali;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

6. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi *dato ma non concesso* li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

8. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jecepixxi illi l-premessi numru 18 u 19 elenkati fir-rikors guramentat in risposta huma inveritieri *stante* illi ma jezisti ebda gudikat Kostituzzjonali fejn l-Istat gie kkundanat illi qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tal-attur. Għaldaqstant din l-allegazzjoni hija fiergħa u vessatorja intiza biss sabiex tizgwida u tagħti stampa skoretta tal-fatti;

9. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jecepixxi illi kif ser jirrizulta, l-attur beda jippercepixxi l-pensjoni *pro rata* mis-sena 2001 u għadu jirceviha sal-gurnata ta' llum. Għalhekk l-attur accetta li huwa rtirat mis-servizz u m'huwiex ufficjal fil-Korp tal-Pulizija;

10. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jecepixxi illi l-attur accetta illi huwa m'għadux fil-Korp tal-Pulizija wara s-sentenza fl-ismijiet "***Gatt David Vs. Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi et***" (1262/2010) deciza fid-29 ta' Settembru 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u dan *stante* illi f'ittra elettronika mibgħuta fil-15 ta' Frar 2021 huwa talab lill-Korp tal-Pulizija sabiex jidhol lura fil-Korp. Din it-talba innifisha hija ammissjoni u accettazzjoni illi huwa ma kienx parti fil-Korp (kopja informali ta' korrispondenza mibgħuta mill-Avukat tal-fiducja tal-attur lill-Korp tal-Pulizija datata 15 ta' Frar 2021 hawn annessa u mmarkata Dok 'COP 2');

11. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tal-attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fir-rikors.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-proċedura.

Rat is-Sentenza parzjali tagħha tat-28 ta' Frar 2023.

Rat li r-rikors tħalla' għallum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Sat-3 ta' Mejju 2001 l-attur kellu l-grad ta' spettur u kien stazzjonat fl-Għassa tar-Rabat u l-Ħamrun. F'dik id-data, waqt li kien f'Awla 2 bħala prosekutur quddiem il-Maġistrat Jacqueline Padovani Grima ġie ikkonsenjata lilu ittra bl-istess. Permezz ta' din l-ittra l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, is-Sur George Grech, infurmah li l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku kienet approvat it-tkeċċija tiegħu mill-Korp tal-Pulizija. Fl-istess kien infurmat li kien ser jingħata l-pensjoni tat-Teżor.

L-Attur intavola proċeduri kontra l-Prim Ministru Eddie Fenech Adami biex jimpunja din id-deċiżjoni. Din il-kawża saret abbażi ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet u Korpi pubbliċi. Din il-kawża kienet deċiża favorevolment għalih fis-6 ta' Settembru 2010 u kkonfermata b'Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' April 2009. Il-Qorti ordnat lill-konvenut Kummissarju sabiex jerġgħu jpoġġu lill-Attur fil-posizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001 u kwindi fl-istess grad li kellu dak in-nhar.

Ftit ġimgħat biss wara din is-Sentenza u ċioe' fil-15 ta' Ottubru 2010, l-attur irċieva ittra oħra. Biha kien infurmat li fid-dawl ta' dik is-Sentenza l-konvenut Kummissarju kellu jreġġa' l-arloġġ lura. Pero' qallu wkoll li huwa jħoss li fl-aħjar interess pubbliku hu ser ikun ikkunsidrat li rtira mill-Korp.

Sussegwentement għal din l-ittra l-Attur ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti biex iżżommhom milli jitterminawlu l-impjieg, liema talba intlaqat definittivament fis-17 ta' Novembru 2010. Fis-6 ta' Diċembru 2010 intavola Kawża oħra għal darba oħra abbażi ta' l-istess azzjoni fuq imsemmija. Din id-darba kontra l-Prim Ministru Lawrence Gonzi. L-Attur tilef din il-kawża fl-20 ta' Ottubru 2016 u kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Mejju 2022 u b'hekk anke spiċċaw l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni.

Għalkemm huwa kien infurmat li l-proċeduri għall-irtirar furzat kienu ġew sospiżi minħabba l-proċeduri sal-lum l-Attur għadu ma sema' b'xejn aktar għalkemm huma minnu li huwa qiegħed jirċievi penzjoni tas-servizz u dan minkejja li qatt ma rriżenja jew ġie sfurzat jirtira formalment.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni hija waħda għad-danni. F'dan ir-rigward jemerġi mix-xhieda tas-Supretendent Jurgen Vella li b'ittra tas-27 ta' Novembru 2010 Dr. David Gatt kien qiegħed jitlob fost oħrajn danni ossia kumpens konsistenti f'telf ta' paga, allowances, leave li mhux meħud u telf ta' xogħol fil-Ħdud, festi u bonuses (a' fol 643). Għalhekk huwa ċar, li r-rabta ta' l-azzjoni kif proposta

ma hiex ma' għemil kolpuż iżda għemil konsistenti f'inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti diġa' iddeċidiet ad limine l-kwistjoni tar-res judicata fit-28 ta' Frar 2023. Għalhekk qabel kollox imiss ukoll li din il-Qorti tinvesti l-eċċezzjoni l-oħra u ċioe' il-preskrizzjoni estintiva bijennali ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jiddisponi li "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*".

Fis-Sentenza mogħtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Vassallo vs Mizzi et", deċiża fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379)** il-Qorti kkunsidrat illi "*l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' tagħha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu għall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li magħha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad.".*

Issa l-Qorti diġa' irrilevat li x-xorta ta' danni li qed jintalbu f'din il-Kawża huma kuntrattwali u mhux delittwali jew quasi delittwali kif jiprospetta l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk l-għemil li allegatament qiegħed

jikkawża d-danni fil-każ tal-lum ma hux wieħed imnissel minn għemiel ex nunc. L-għemil huwa wieħed prestabbilit kuntrattwalment bejn il-partijiet permezz ta' kuntratt ta' impieg, anke jekk jirrigwarda benefiċċji futuri bħal ma huwa s-salarju u benefiċċji oħrajn li ordinarjament huma anċillari għall-kuntratt ta' impjieg.

Dan ifisser li l-artikolu 2153 ma hux applikabbli għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. L-anqas ma tista' din il-Qorti tgħid liema xorta ta' preskrizzjoni applikabbli għall-każ tal-lum għaliex tkun qed tintrometti bejn il-partijiet. L-anqas ma tista' din il-Qorti tqanqal xi xorta ta' preskrizzjoni oħra, għaliex minkejja li din tibqa' ta' ordni pubbliku, fil-kamp Ċivili kuntrarjament għal dak penali, il-Qorti hija prekluża milli tagħmel dan.

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda.

**Il-mertu**

Mingħajr ma din il-Qorti tidħol fis-sustanza tal-mertu dwar jekk il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija kellux raġun jinsisti għat-tneħħija ta' l-Attur mill-Korp tal-Pulizija, dak li jimpressjona huwa l-fatt xejn professjonali ta' kif il-konvenut Kummissarju, anke jekk kellu raġun, mexa fil-konfront ta' l-Attur. L-istess jista' jingħad għall-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku li messa kienet taf aktar x'kellha tagħmel  biex tevita' li jsiru Kawżi bħal dawn.

L-Attur diġa' rebaħ Kawża għal mod kif l-intimat Kummissarju mexa kontra tiegħu bl-ittra tat-3 ta' Mejju 2001. Fir-rigward ta' din l-ittra l-Qorti tal-Appell osservat fis-Senetnza tas-6 ta' Settembru 2010 li "*Li kieku l-ewwel Qorti ma ordnatx lill-appellanti jergħu jpoggu lill-appellat fil-posizzjioni li kien fiha*

*qabel it-3 ta' mejju 2001. Kienet tkun hi li qed tikkrea sitwazzjoni at anti-kostituzzjonalita', għaliex kienet tkun qed tagħti effett lill-att illegali li u null"* (a' fol 22).

L-ewwel Qorti osservat li *"għal dak li jirrigwarda il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni sewgwitx regolamenti ta' procedura magħmula minnha stess taht is-setgħat mogħtija lilha blartikolu 123 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li għandha l-kompetenza li tezamina jekk dawn ir-regolamenti stess, li l-Kummissjoni għogobha tistabilixxi, gewx segwiti".* Kien propju għalhekk li l-Attur rebaħ l-ewwel Kawża għaliex l-istess Kummissjoni ma mxietx mar-regolamenti tagħha stess.

Iżda wara li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija tilef din il-Kawża reġgħu ttieħdu passi dixxiplinarji kontra l-Attur. Fl-ittra tal-Kummissarju lill-Attur datata 15 ta' Ottubru 2010 jingħad illi bis-saħħa tas-Sentenza li kien rebaħ *"l-arlogg jitregga lura għall-posizzjoni li kienet fit-3 ta'Mejju 2001, liema posizzjoni int kont attwalment tinsab"* (a' fol 35). F'din l-ittra infurmah li kien qiegħed ikun meqjus bħala irtirat abbażi tar-regolament 35 tar-regolament tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) (a' fol 35).

Il-Qorti għandha dubji serji jekk il-Kummissarju tal-Pulizija, anke jekk dawn ir-regolamenti jippermettulu, setax jerġa' jibda proċeduri oħrajn għar-raġuni li jsemmi. L-ordni tal-Qorti kienet ċara, li l-Attur jerġa' jitqiegħed fil-posizzjoni li kien jiġifieri fil-grad ta' Spettur. Li kieku dawn ir-regolamenti

jitħallew jintużaw b'dan il-mod, allura jinħoloq mezz kif il-Kummissarju jista' jirraġira l-ordni tal-Qorti bl-akbar faċilita'.

Issa l-Attur kemm -il darba sostna li huwa qatt ma kien deher quddiem il-PSC (a' fol 636A tergo). Dan il-fatt qatt ma kien kontestat. Kull darba li kien hemm proċeduri kontra tiegħu dan la qatt instema' u lanqas ingħata l-opportunita jgħid tiegħu. Dan meta subartiklu 4 tal-istess regolamenti jiddisponi wkoll, li l-Kummissjoni għandha tagħti opportunita' lill-Uffiċjal li jagħmel il-kummenti tiegħu bil-fomm quddiem il-Kummissjoni.

Aktar minn hekk, mill-estratti tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku tal-15 ta' Marzu 2001 jirriżulta li "*The Commission agreed to ask the Commissioner of Police to attend to the next meeting of the Commission ie. Thursday 22nd March 2001 to discuss the proposed removals*." (a' fol 131). F'din il-laqgħa l-Kummissarju deher waħdu u fil-waqt li spjega l-gravita' tal-każ il-Kummissjoni kkonkludiet li mill-informazzjoni altament konfidenzjali li "*... left no doubt to the Commission that it would not be in the interest of the Police Force and the public interest to allow these officers to remain in the force*" (a' fol 133 tergo).

Il-Qorti ħasset li għandha tgħid dan kollu għaliex hija meraviljata kif l-ogħla Awtoritajiet, li suppost huma l-ġebla tax-xewka tal-prinċipju tas-saltna tal-liġi, jiksru sfaċċatament il-liġi b'dan il-mod. Li kieku din il-Qorti ma tagħmilx din l-osservazzjoni, kienet tħossha li qed tonqos minn dmirha. Ġustifikata kemm hija ġustifikata raġuni biex dak li jkun jitneħħa' mill-Korp, il-konvenut Kummissarju u miegħu l-PSC ma jistgħux jaqtgħu l-kantunieri biex iwarrbu

lil dak li jkun mingħajr ma jsegwu l-proċedura biex tassigura smiegħ xieraq anke b'rispett lejn il-prinċipju ta' parita' ta' armi bejn il-partijiet fil-proċedura. Nafu wkoll li meta l-Attur presenta l-mandat ta' inibizzjoni li ġie milqugħ kull proċess quddiem il-PSC ġie sospiż. Fir-risposta tiegħu, l-intimat Kummissarju jirrikonoxxi li kienu nbdew proċeduri skond regolament 35 tal-A.L 186/1999, liema proċeduri kienu sospiżi temporanjament minħabba l-mandat (ara xhieda tas-Supretendent Jurgen Vella (a' fol 6). Dan huwa punt kruċjali għal din il-Kawża, għaliex irid jkun stabbilit jekk l-Attur għadux formalment fil-Korp ġaladarba li din il-proċedura qatt ma kienet irtirata iżda biss sospiża.

Interessanti dak li jgħid is-Supretendent Jurgen Vella f'dan ir-rigward:

*"Il-posizzjoni tal-Korp illum l-gurnata għadha kif kienet in konformi mas-Sentenza datata 27 t'April 2009 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (superjuri). F'din is-Sentenza l-Qorti ordnat li David Gatt, jerga' jitpogga fis-sitwazzjoni li kien qabel it-13 ta' Mejju 2001, fl-istess grad fil-Korp. B'hekk ikun jista' jiskatta l-process sabiex David Gatt, jaffaccja proceduri taht ir-Regolamenti tal-Procedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar Is-servizz Pubbliku kif imsemmija fir-regolamanet 35 tal-Avviz Legali 186/1999 kif sussegwentement emendat u mibdul.*

*Irid jingħad li dan il-process għadu ma giex skattat minkejja li Dr. David Gatt kien gie infurmat bil-proceduri pendenti mis-Segretarju Principali Permanenti ta' dak iz-zmien, is-sur Godwin Grima, għax skond Dr. Gatt nnifsu kif spjega fl-affidavit tiegħu, huwa 'Avukat self employed u mhux*

*formanti parti mis-servizz pubbliku, registrat mal-Vat Dept u registrat self employed ai fini ta' taxxa' u għalhekk Dr. Gatt qiegħed jirresisti milli jidhol lura fil-Korp sa mill-2001 u sakem ma tinbediex il-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku , il-posizzjoni ta' Dr. Gatt biex jerga' jiddahal lura fil-Korp ma tistax tinbeda"* (a' fol 644).

Issa l-Qorti tħossha perlessa meta jingħad, li l-proċedura quddiem il-PSC hija sospiża għaliex bl-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010, din id-darba Godwin Grima s-Segretarju Permanenti ewlieni kkonferma li l-Attur kien ser ikun meqjus irtirat ai termini tar-Regolament 35 tal-1999 u nfurmah li dan l-avviż kien qed jinħareġ ai termini tar-Regolament 35(1) (b) tar-regolamenti fuq imsemmija (a' fol 35). Dan ifisser, li skond ir-regolament l-Kummissjoni trid "*tagħti lill-Attur li jqies u kull rapport u dokumenti li tkun ser tintuza mill-Kap tas-servizz Pubbliku b'sostenn ta' irtir ta' ufficjal, sabiex jippermetti lill-Ufficjal juri li għandux jigi jirtira mis-servizz".*

Dan l-artikolu huwa l-garanzija tal-minimu tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali u allura ta' smiegħ xieraq, ħaġa li ma saritx fl-ewwel okkażjoni. Għalkemm is-Supretendent Yurgen Vella jgħid li dawn il-proċeduri ġew sospiżi u hekk għadhom, hi x'inhi r-raġuni għalfejn għadhom hekk sospiżi jfisser li deċiżjoni finali għadha ma ttiħditx.

Huwa jgħid li dan huwa atribwibbli għall-fatt li l-Attur illum huwa avukat self employed għaliex hekk xehed fl-affidavit tiegħu. Issa jekk dan ix-xhud kien qiegħed jagħmel referenza għall-affidavit fi proċeduri li ġew allegati ma' dawn il-proċeduri, lill-Qorti ma jirriżultalix li qal hekk (a' fol 636A ara wkoll

affidavit tar-rikorrent fil-kawża 1548/01 a' fol 73). B'dana kollu huwa prinċipju importanti anke fil-każ ta' Awtorita' dixxiplinarja "*they must act fairly just the same as some one else and are subject to control of the Courts* (Ara **Sentenza Ingliża Buckoke -vs- Greater London Council 1978 per Lord Denning**).

Issa l-Qorti, idejha fuq qalbha temmen, li l-Attur f'ebda ħin ma kien trattat bil-fier. Il-konvenut Kummissarju ried akkost ta' kollox jirtira lill-Attur, meta skond din il-Qorti r-raġuni għala ried hekk, dejjem jekk dan huwa minnu, jekk qatt kienet timmerita tkeċċija u mhux li jġiegħel lill-Attur jirtira. Għaliex il-konvenut Kummissarju għażel din it-triq huwa biss jafha.

Issa l-Qorti jiriżultalha, li minkejja li ma kienx hemm deċiżjoni mill-Kummissjoni Tas-Servizzi Pubbliċi għaliex dawn għadhom sospiżi, l-Attur xorta beda jingħata pensjoni. Il-Qorti ma tistax tifhem kif jiġru dawn l-affarijiet, għaliex jekk għadu ma ġiex deċiż il-każ ta' l-Attur mill-PSC kif il-Konvenut Kummissarju ddeċieda li jirtira lill-Attur? Mill-provi jemerġi li pensjoni kienet ta' €5,236.71 peress li rtira fit-3 ta' Mejju 2001 (a' fol 227). Bdiet tkun mogħtija minn din id-data anke minkejja li s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-ittra tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2010 implika li kien għadu fl-impjieg meta nforma lill-Attur li "*Għaldaqstant, int mitlub sabiex fi żmien 15 -il jum tax-xogħol mit-18 ta' Ottubru 2010, tissottometti in iskritt, ir-ragunijiet l-għala jien ma għandix nilqa' it-talba tal-Kap tad-Dipartiment*". Mela sa dak in-nhar it-talba tal-Kummisarju tal-Pulizija kienet għadha mhux milqugħa, ta' l-inqas formalment. Aktar 'l fuq, fl-istess ittra reġa' fakkru, illi

minħabba s-Sentenza li kien rebaħ "l-arloġġ jerġa' jitreġġa' lura għal posizzjoni li kienet fit-3 ta' Mejju 2021 f'liema posizzjoni **attwalment tinsab**" (a' fol 35 Emfażi tal-Qorti). Minn hawn jemerġi, li ta' l-inqas sal-15 ta' Ottubru 2010 kien għadu attwalment jinsab fil-grad ta' Spettur.

Il-Qorti timmeravilja ruħha kif minkejja din l-ittra, il-pensjoni tas-servizz li ngħata lir-rikorrent ma ġietx mitluba lura jew ta' l-inqas ma ġietx paċuta mas-salarju u benefiċċji l-oħra kollha li kellu jirċievi ta' l-inqas sa dik id-data. Anzi minflok baqa' jirċievi l-pensjoni tas-servizz biss.

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex tifhem li għal dawn l-inkongruwenzi amministrattivi da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ma għandux ibati jew iwieġeb għalihom l-Attur. Dan qiegħed jiingħad għaliex l-intimat Avukat jargumenta li ġia la darba l-Attur baqa' jirċievi l-pensjoni allura huwa aċċetta li rtira u ma għadux uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti pero' trid tinnota, li prova li nħarġet il-pensjoni teżisti, iżda li din ġiet inkassata ma jidhirx li hemm prova. Kien jispetta lill-konvenuti jġibu din il-prova (Ara **Sentenza tas-26 ta' April, 2002. Fl-ismijiet Francesco u Esther konjuġi Cilia vs Emanuele Borg u Saviour Borg, Qorti tal-Maġistrati**).

Iżda anke kieku kellu jirriżulta li din il-pensjoni kienet inkassata, dan ma jfissirx dak li qiegħed jgħid il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija. Waqt li kien qiegħed jirċievi din il-pensjoni, l-Attur baqa' jikkumbatti u jisħaq fuq id-drittijiet tiegħu anke jekk tilef il-Kawżi. Meta kien qiegħed jikkumbatti f'dawk il-kawżi, ma jidhirx li din il-kwistjoni tqanqlet f'dawk il-proċeduri u jekk hekk

tqanqlet, il-kawżi ġew deċiżi kontra l-Attur mhux fuq kwistjoni bħal din. Fatt li jkompli juri kemm tassew l-Attur seta' jkompli jikkonsegwi t-talbiet tiegħu minkejja l-ħlas ta' din il-penzjoni.

Il-Qorti ma tistax tippretendi, li l-ewwel l-individwu jitqiegħed fi stat ta' inċertezza attribwibbli għal mod kif topera l-Awtorita' u li fl-istess ħin, l-individwu għandu jibqa' mingħajr ebda dħul kwalunkwe għaliex ikunu għaddejjin proċeduri ta' kontestazzjoni. Mhux aċċettabli, li individwu jinżamm f'animazzjoni sospiża, b'ħajtu ffriżata minħabba dan u meta jiġi dahru mal-ħajt u jkollu jaċċetta xi xorta ta' entrojtu tixliħ issa li aċċetta u għalhekk il-każ jieqaf hemm.

Tant dan huwa minnu, li kif ingħad aktar 'l fuq, fl-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010, anke jekk ma jgħidix espressament, is-Segretarju Permananti Ewlieni kjarament jagħti x'jifhem li sa dik id-data kien għadu meqjus attwalment fil-kariga li kien jokkupa fit-3 ta' Mejju 2001 u dan minkejja li l-istess Attur kien diġa' jirċievi l-pensjoni tas-servizz. Għalhekk din l-eċċezzjoni ma treġix. L-anqas ma din il-Qorti tista' taċċetta li l-fatt li l-Attur kien beda jaħdem għal rasu bħala Avukat allura tilef li jikkonsegwi l-pretensjonijiet tiegħu. Jekk jerġa' jitqiegħed fil-kariga li kien imbagħad hemm forsi jkollu jagħmel l-għażla jekk iridx jibqa' fil-Korp jew ikompli għal rasu, ħaġa li tiddependi mill-policies interni tal-Korp.

Għalhekk meta din il-Qorti qieset kollox ma' kollox: iċ-ċirkostanzi, il-mod xejn ortodoss ta' kif ġew kondotti l-proċeduri fil-konfront ta' l-Attur u l-

anomaliji istituzzjonali fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, issib li għalhekk għandu raġun l-Attur fl-ilment li ressaq quddiem din il-Qorti.

*Ir-rimedju*

Il-Qorti tqies li danni jikkonsistu mill-anqas f'telf tas-salarju mill-2001, meta intbagħtet l-ittra ta' 3 ta' Mejju 20001 sa meta qed tingħata din is-sentenza u dan għaliex l-Attur għadu jirċievi ċertu ammont hekk imsejħa bħala pensjoni tas-Servizz. Il-Qorti tħoss ukoll li mill-ammont li jifdal għandu jitnaqqas *lump sum payment* għaliex li kieku rċieva l-ammont li ser jingħata fil-ħin li kellu jirċevih kien ċertament jikkonsma parti minnu.

Skond it-tabella esebita mis-Surġent Maria Farrugia l-ammont kollu li huwa dovut lill-Attur huwa dak ta' ħames mija u tmint elf, sebgħa mija u tmenin ewro (€508,780) (a' fol 207. Ta' min jinnota li anke hawn hemm skorretezza meta jingħad li l-Attur kien *dismissed*). Dan qed ikun kalkolat lejn l-eqreb ewro. Ma' dawn iridu jiżdiedu s-salarji mill-2023 sa' meta qed tkun deċiża din il-kawża li jammontaw għal erbgħa u għoxrin elf u mija u disgħin ewro (€24,190). Dan ifisser li l-ammont kollu huwa dak ta' ħames mija u tnejn u tletin elf u disgħa mija u sebgħin ewro. (€532,970).

Il-Qorti tqies li minn dan l-ammont għandu jitnaqqas l-ammont totali li irċieva bħala pensjoni ammontanti għal mija wieħed u erbgħin elf erbgħa mija u tmenin ewro (€141,480). Dawn jirrapresentaw l-ammont ta' pensjoni li rċieva l-Attur illum (ara a' fol 211 et sequens). Dan ifisser, li bħala total jirċievi €532,970 – €141,480 = €391,490. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas *lump sum payment* li tenut kont ta' kemm ilha pendenti l-kawża

għandu jkun ta' 18%. Għalhekk l-ammont huwa dak ta' €391,490- €70,468 (18% lump sum) = €321,021.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi.**

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi.**

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tillikwida s-somma ta' tlett mija u wieħed u għoxrin elf u wieħed u għoxrin ewro (€321,021) rappresentanti danni sofferti mill-Attur.

**Tilqa r-raba' talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**